# Minuti

## Seduta Nru. 27/2012

Data: It-Tlieta, 11 ta' Settembru 2012

Ħin: 5:30pm

Post: Kunsill Lokali L-Imsida, Pjazza Menqa Msida

---

Preżenti: Mary Rose Mifsud – *Chairperson*
John Mary Zahra (Jimmy) – *Membru*
Jane (Yvonne) Spiteri – *Membru*
Rudolph Cini – *Membru*
Christopher Galea – *Aġent Segretarju Eżekuttiv*

Skużati: Mario Xuereb – *Membru*

❖ Ħadd m'attenda minn naħa tal-Kunsill Lokali tal-Imsida kif ukoll ta' Birkirkara.

---

## AĠENDA

1. Talba;
2. Qari, Korrezzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;
3. Punti Mqajma mill-Minuti;
4. Korrispondenza;
5. Attivita' u Tqassim taċ-Ċertifikati;
6. Mistoqsijiet mill-Membri tal-Kumitat;
7. Komunikazzjoni miċ-*Chairperson;*
8. Għeluq u Aġġornament.

---

## Kontenut

Annex A Minuti 27/2012

Annex B Tabella ta' Deċiżjonijiet li ttieħdu waqt is-seduta li jirrikjedu Azzjoni

**Minuti 27/2012**

# 1. Talba

**1.1** Il-laqgħa bdiet fis-5:30pm billi ntqalet it-talba miċ-*Chairperson*.

# 2. Qari, Korrezzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

**2.1** Il-Minuti tas-Seduta 25/2012 li saret nhar il-Ħamis, 2 t'Awwissu 2012 u Seduta 26/2012 li saret nhar il-Ħamis, 30 t'Awwissu 2012 tqassmu qabel u ttieħdu bħala moqrija. Kien hemm korrezzjoni fil-Minuti 25/2012 fejn żdied il-paragrafu 8.2. Wara ġew approvati unanimament mill-Kumitat.

# 3. Punti mqajma mill-Minuti

**3.1** **Fuq punt 3.1 –** Iċ-*Chairperson* qalet li issa l-Kunsill tal-Imsida għandha Aġent Segretarju ġdid u x-xogħlijiet għandhom jitkomplew.

*Xogħlijiet Pendenti fis-Swatar*

**3.2** **Fuq punt 3.2 –** B'rejazzjoni mill-membri tal-Kumitat fejn it-TM approva t-*traffic management* propost fit-2 t'Awwissu 2012 u għadu ma sar xejn biex jiġi implimentat, il-Kumitat iddeċieda li tintbagħat ittra liż-żewġ Kunsilli biex mill-aktar fis it-*traffic management* jiġi implimentat.

*Traffic Management*

**3.3** **Fuq Punt 3.3 –** Iċ-*Chairperson* staqsiet fuq l-appuntamet tal-Arriva sabiex jiġu diskussi l-ħinijiet tr-rotta 123, jinbidlu l-ismijiet tal-bus shelters li hemm fi Triq il-Wied u jiżdiedu aktar bus shelters. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv irrisponda li bagħat reminder u baqa' bla risposta.

Laqgħa mat-TM dwar l-Arriva

**3.4** **Fuq punt 3.4 –** Iċ-*Chairperson* qalet li għandha ssir laqgħa mal-HSBC sabiex jiġu diskussi proġetti li għandu f'moħħu l-Kumitat u l-HSBC tista' tgħin fihom. Iċ-*Chairperson* proponiet li l-Kumitat ikollu għajnuna finanzjarja għall-uffiċċju tal-Kumitat. Is-Sa Yvonne Spiteri issuġġeriet li jsiru sinjali ta' merħba fid-daħliet tas-Swatar u jsiru tabelli ta' direzzjonijiet ta' fejn jinsabu l-ħwienet fis-Swatar. Is-Sur Rudolph Cini ippropona li jiżdiedu aktar dust bins fiż-żona.

Laqgħa mal-HSBC

**3.5** **Fuq Punt 3.5 –** Iċ-*Chairperson* qalet li l-pass li jmiss hu li s-siti perikolużu jiġu rrapurtati fuq il-programmi ta' Xarabank u fuq Illostra.

Siti perikolużi

**3.6** **Fuq Punt 3.6.1 –** Filwaqt li l-Kumitat jirringrazzja lis-Sindku ta' Birkirkara tal-inizzjattiva li ħa billi naddaf l-għalqa tas-Sisla, il-Kumitat jaqbel li għandu jsir it-tarmak fl-area kollha sabiex jitneħħa l-inkonvenjent ta' trabijiet.

Għalqa tas-Sisla

**3.7** **Fuq Punt 3.7.3 –** Iċ-*Chairperson* ikkonfermat li mhux vera kif qal is-Sindku li hemm problema fuq l-internet fil-kamra fejn għandhom isiru l-korsijiet. Il-Kumitat kif ukoll il-Kunsill ta' Birkirkara jistgħu jibdew il-korsijiet meta jridu. Kien hemm ftehim bejn is-Sindku u s-Sur Charles Grech biex jagħmlu l-formoli u jibdew il-korsijiet tal-beginners. Minn dan għadu ma sar xejn.

Korsijiet tal-Kompjuter

**3.8** **Fuq Punt 3.7.4 –** Iċ-*Chairperson* qalet li s-Sindku ta' Birkirkara qal li l-Kunsill ma jaf b'xejn li l-Kumitat qed japplika għall-UIF u li l-Kumitat jew il-Kunsill għandu japplika u dan ħadd m'għamlu. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qal li t-talba tal-UIF intbagħtet lill-Perit tal-Kunsill ta' Birkirkara biex jibda' l-proċess tal-applikazzjoni u dwar dan il-Kunsill kien minn dejjem infurmat. L-applikazzjoni, skont kif ġie nfurmat l-Aġent Segretarju mill-Perit, weħlet għand it-TM u għalhekk għadu qed jistenna l-permessi meħtieġa sabiex issir l-applikazzjoni. Il-Kumitat iddeċieda li l-Aġent Segretarju Eżekuttiv għandu jikkonferma mal-Perit min suppost japplika għall-UIF. Taraġ ta' Valley Road

# 4. Korrispondenza

**4.1** Ġiet diskussa r-risposta tas-Sa Maria Borg dwar il-parking bays fi Triq Sant' Andrija. Il-Kumitat iddeċieda li r-risposta għal din l-imejl tkun hekk: *As you are already aware, your case is already reported to the police.* Parking Bays fi Triq Sant' Andrija

4.1.1 *F'dan l-istadju is-Sur Rudolph Cini kien skużat minħabba impenji oħra.*

**4.2** L-Aġent Segretarju Eżekuttiv irċieva l-kwotazzjoni tal-gate li għandha ssir fil-bandli tas-Swatar mingħand JGC Ltd. Il-kwotazzjoni tammonta għall-€1,000 inkluż il-VAT. Fuq din il-gate l-Aġent Segretarju Eżekuttiv kien ġabar kwotazzjoni oħra minn Andrew Vassallo Ltd iżda dawn ma kkonfermawx li l-gate ser tkun skont l-istandards rikjesti mill-MCCAA. Għaldaqstant, peress li din il-kwotazzjoni ma taqbisx it-threshold ta' direct order, il-Kumitat approva li tintagħżel il-kwotazzjoni ta' JGC Ltd ġaladarba hija kkonfermata li l-gate ser titwaħħal skont l-istandards rikjesti. Gate fil-Bandli tas-Swatar

# 5. Attivita' u Tqassim taċ-Ċertifikati

**5.1** Iċ-*Chairperson* qalet li kellmet lill-għaqdiet tas-saħħa sabiex jipparteċipaw fl-attivita' iżda ħadd ma jista'. Il-Kumitat iddeċieda li din l-attivita' ssir fil-15 t'Ottubru 2012 fis-Sala tal-Parroċċa San Ġorġ Preca. L-attivita' għandha tikkonsisti fit-tqassim taċ-ċertifikati u wara jingħataw bibita' lill-mistiedna kollha. Għandhom jiġu mistiedna l-membri tal-Kunsilli rispettivi. Għandha ssir ukoll press conference mill-Kumitat dwar il-BLS. Is-Sa Yvonne ser tieħu ħsieb biex tara jekk ma ssibx xi sponsor għall-bibita'. Tqassim taċ-ċertifikati dwar BLS.

# 6. Mistoqsijiet mill-Membri tal-Kumitat

**7.1** Is-Sa Yvonne Spiteri qalet li fi Triq is-Swatar għandu jkun hemm sinjali biex in-nies ma jarmux żibel. Tabella

**7.1.1** Is-Sa Yvonne Spiteri qalet li hemm arblu quddiem ir-Ramparound li għandu jitneħħa. Arblu

## 7. Komunikazzjoni miċ-Chairperson

**8.1** Iċ-*Chairperson* qalet li l-kuntrattur tal-iskart riċiklat mhux qed jiġbor l-iskart kollu. Għandu jiġi propost li l-Erbgħa jiġabru l-boros ukoll. Skart

**8.2** Iċ-*Chairperson* staqsiet fuq il-fanali 'l ġodda li l-Kumitat applika għalihom. L-Aġent Segretarju nforma lill-Kumitat li l-applikazzjonijiet kellhom jiġu mimlija mill-ġdid fuq applikazzjoni ġdida rikjesta u mibgħuta mill-Enemalta. Fanali Ġodda

**8.3** Iċ-*Chairperson* qalet li għandha titwaħħal tabella oħra biex ma jintremiex skart domestiku faċċata tal-BabyLine. Tabella

**8.4** Iċ-*Chairperson* qalet li l-istemma tal-Kumitat, għalkemm intbgħatu l-approvazzjoni u d-dokumenti kollha rikjesti mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali, din għada mhux approvata mill-istess Dipartiment. Iċ-*Chairperson* qalet li ser titlob appuntament lid-Direttur għall-Gvern Lokali sabiex tara għaliex dan id-dewmien kollu. Stemma tal-Kumitat

**8.5** Iċ-*Chairperson* qalet li kien hemm tabella bl-isem tat-triq fi Triq il-Qattus li għal xi raġuni inqalat u għandha ssir mill-ġdid. Tabella

## 8. Għeluq u Aġġornament.

**9.1** Il-laqgħa spiċċat fit-8:00pm. Il-Kumitat unanimament qabel li l-laqgħa għandha tiġi aġġornata għal nhar il-Ħamis, 11 t'Ottubru 2012, fil-5:30pm ġewwa l-Kunsill Lokali ta' Birkirkara.

____________________ ____________________

*Chairperson*, KAS Aġent Segretarju, KAS

____________________

Data

**Annex B**

# Tabella ta' Deċiżjonijiet li jirrikjedu Azzjoni

| Ref. | Suġġett | Entita' / Persuna Responsabbli |
|---|---|---|
| **3.2** | *Traffic Management* | Aġent Segretarju Eżekuttiv |
| **3.4** | Laqgħa mal-HSBC | Aġent Segretarju Eżekuttiv |
| **3.6** | Għalqa tas-Sisla | Aġent Segretarju Eżekuttiv |
| 3.7.4 | Taraġ ta' Valley Road | Aġent Segretarju Eżekuttiv |
| **4.1** | Parking Bays fi Triq Sant' Andrija | Aġent Segretarju Eżekuttiv |
| **5.1** | Tqassim taċ-ċertifikati dwar BLS. | Kumitat |
| **7.1** | Tabella | Aġent Segretarju Eżekuttiv |
| **7.1.1** | Arblu | Aġent Segretarju Eżekuttiv |
| **8.1** | Skart | Aġent Segretarju Eżekuttiv |
| **8.3** | Tabella | Aġent Segretarju Eżekuttiv |
| **8.4** | Stemma tal-Kumitat | Aġent Segretarju Eżekuttiv |
| **8.5** | Tabella | Aġent Segretarju Eżekuttiv |